MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 662/1998/1

**Joseph u Loreta konjugi Borg u b'digriet tad-9 ta' Novembru 1998 Charles, Tony u Teddy Borg assumew l-atti minflok Joseph Borg li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Surgent tal-Pulizija 187 Mario Cassar u Surgent tal-Pulizija 1040 John Grima**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Joseph u Loreta konjugi Borgipprezentat fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi huma proprjetarji tal-fond 6, Triq il-Papa Ljun XIII, Nadur, Ghawdex, u tal-bitha jew *area* li hemm quddiemha; illi nhar il-Gimgha, 29 ta’ Mejju 1998, ghall-habta tas-7.30 p.m., ir-rikorrenti Loreta Borg, filwaqt li kien hemm biss id-dar zewgha Joseph Borg li hu marid serjament, sabet quddiemha gaffa kif ukoll diversi haddiema tal-gaffa, u persuni ohra; is-Surgent 187 Mario Cassar qal li riedha twarrab minn nofs ghax sid il-ghalqa ghandu l-permess li jibni u riedu jghaddu bil-gaffa biex iwaqqghu hajt; illi Loreta Borg, minghajr l-ghanuna ta’ hadd, rinfaccjata b’dik l-azzjoni tas-Surgent, twerwret; il-familja tas-Surgent 187 Mario Cassar u l-familja taghha kienu ilhom ma jitkellmu ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena, u s-Surgent kien jaf li r-rikorrent Joseph Borg huwa marid serjament fis-sodda, ghalkemm mit-tieqa seta’ jisma’ lil martu tiehu kedda mal-Pulizija; illi meta gie bin ir-rikorrenti Tony u staqsa lis-Surgent x’kien qed jigri, dan beda jghidlu ripetutament ‘*ghalaq halqek ghax narrestak*’; illi bin ir-rikorrenti Charles mar jaghmel mandat ta’ inibizzjoni l-Qorti bl-assistenza ta’ Dr. Aaron Attard Hili; illi sadanittant in-numru ta’ pulizija beda jizdied u gew madwar 15 il-Pulizija minghajr il-presenza ta’ Spettur tal-Pulizija; illi billi l-gaffa kienet imqabbda u s-Surgent ried iwaqqa’ l-hajt, ir-rikorrenti u wliedha bdew jinsistu mas-Surgent 187 illi Charles kien gej bil-mandat ta’ inibizzjoni, izda s-Surgent 187 irrisponda ‘*il-mandat tal-Qorti ma nikkalkulawhx ghax il-Pulizija qieghda taghmel xogholha*’; illi wara zdied Surgent iehor 1040 John ***; dawn iz-zewg Surgenti bdew dehlin u hergin fid-dar ta’ residenza ta’ missier is-Surgent 187 li tinsab faccata kif taqsam it-triq; sadattant saru d-9.25 p.m. u wlied ir-rikorrenti gew infurmati telefonikament minn Dr. Aaron Attard Hili illi l-mandat ta’ inibizzjoni kien gie milqugh u kellu jigi bih il-Marixxall tal-Qorti; illi malli wasal Dr. Aaron Attard Hili fuq il-post, is-Surgent 187 wissa lill-Avukat ‘*titkellimx ghax narrestak*’, u dan minghajr ma l-Avukat kien lissen kelma wahda, u allura kellu jibqa’ sieket u mmobbli; illi aktar tard hareg is-Surgent 187 mid-dar ta’ missieru u ordna lill-Pulizija biex iwarrbu xi kaxxi tal-luminata u cilindru tal-gass u xi affarijiet ohra li r-rikorrenti kienet thalli gol-bitha

proprjetà taghhom; hekk sar, u l-gaffa nsaqet ’il quddiem u twaqqa’ l-hajt li nofs il-wisgha tieghu jappartjeni lir-rikorrenti; illi ftit minuti wara waslet fuq il-post karozza tal-Pulizija bl-Ispettur Antonello Grech fiha; imbaghad wasal il-Marixxall tal-Qorti bil-mandat milqugh mill-Qorti; l-Ispettur Antonello Grech qaghad ghal ftit minuti u rega’ telaq; tul l-incident, il-Pulizija kienu hdejn sid l-ghalqa Martin Vella u lil-kuntrattur (*sic*) Joe Grima; illi s-Surgent ma wera l-ebda dokument ufficjali li jaghtih dik l-awtorità li huwa kien qed jivvanta; anzi, avolja r-rikorrenti u wliedha staqsewh jekk kellux dokument iffirmat minn Spettur jew permess ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar biex jidhlu bil-forza fi proprjetà privata taghhom u jwaqqghu il-hajt taghhom, huwa qallhom li bil-kelma biss; illi huma semghu lill-Marixxall jghid lis-Surgent 187 ‘*Din ghamiltuhieli kemm-il darba, u rrid nara ghaliex ma stennejtux*’; dan l-agir tal-Pulizija mmexxija mis-Surgent 187 Mario Cassar, apparti li jammonta ghal abbuz ta’ poter, jikkostitwixxi ksur tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem minn uffical ta’ l-istat, u dan peress illi skond l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol integrat fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta ‘*Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided by law and by the general principles of international law*’; talbu illi dika l-Qorti joghgobha tiddikjara illi huma sofrew lezjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol integrat fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u taghti r-rimedji kollha opportuni, fosthom li jinghataw kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom u ghad-danni kollha konsegwenzjali;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati illi permezz taghha issottomettew:

Illi r-rikors promotur huwa manifestament frivolu u vessatorju billi m’hemm l-ebda kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali f’dak kollu li qed jivventilaw ir-rikorrenti. Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-

intimati mxew mhux biss skond il-ligi izda uzaw prudenza akbar minn dak li ddettaw ic-cirkostanzi. Illi wahda mir-rikorrenti flimkien ma' familjari ohra agixxew b'mod aggressiv, hebbew ghal terzi persuni u ripetutament injoraw l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

Illi *di più* ir-rikors jikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju billi fih kwotazzjonijiet fittizji imputati lil uhud mill-intimati li mhux talli qatt ma ntqalu izda talli gew arkitettati biex jiddefamawhom;

Stante li l-pulizija pprestat l-assistenza taghha lis-sid legittimu ta' l-art u operat fid-dettami imposti mil-ligi biex jithares il-bon ordni, ma tista' qatt tiffigura s-sitwazzjoni li l-istess intimati lledew id-dritt sancit mill-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi l-fattispeci tal-kaz ma jinkwadrawx, bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni, ghall-applikabilità ta' dan l-artikolu li mhux intiz biex jipprevjeni l-forzi ta' ordni milli jizguraw li ma jitwettqux reati kriminali jew jekk jitwettqu li jigu debitament persegwiti l-imputati quddiem l-awtoritajiet gudizzjarji;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, dik il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fit-termini li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji u effettivi biex jisfidaw a) l-eghmil esekuttiv li qed jigi imputat lill-intimati permezz ta' stharrig (*review*) gudizzjarju b) li in sede civili jirrivendikaw l-propjetà li qed jallegaw tappartjeni lilhom c) li jitolbu l-prosegwiment ta' azzjoni kriminali fil-konfront ta' minn skond huma abbuza mill-poter;

Tajjeb li jinghad li r-rikorrent(i) ghal diversi drabi talbu l-hrug ta' mandati ta' inibizzjoni kontra s-sid ta' l-art in kwistjoni izda l-qrati kompetenti ripetutament irritenew li lanqas biss ma kien hemm sembjanza ta' dritt *prima facie* fil-pretenzjonijiet taghhom;

Illi subordinatament, bla pregudizzju u fil-mertu jinghad li r-rikorrenti ssottomettew il-maqlub ta' x'verament gara tul l-incident. Waqt li l-esponenti kellhom il-provi li s-sid

legittimu ta' l-art kien qed jigi kriminalment ostakolat fid-drittijiet tieghu, ir-rikorrenti mitluba ghall-diversi drabi biex iseddqu l-pretenzjonijiet taghhom bid-dokumenti relattivi baqghu ma ghamlu xejn. Ir-rikorrenti ghogobhom jivvintaw kwistjonijiet personali li qatt m'ezistew, ghogobhom jiffantastikaw incidenti li qatt ma ssuccedew u jissimulaw diskors li naturalment qatt ma sar mill-intimati. Per ezempju jghidu li kien hemm madwar 15-il pulizija fuq il-post mentri n-numru veru kien ta' seba' ufficjali. Ir-rikorrenti biex jigbdu s-simpatija tal-qorti qalu li Loreta giet 'imwerwra' mill-intimata u hadet kedda;

Il-kedda haduha l-intimati li meta accedew fuq il-post gew kwazi aggrediti mill-familjari tar-rikorrenti li insulentawhom u mbaghad hebbew ghall-kuntrattur ta' sid l-art u injoraw ghal kollox l-ordnijiet legittimi moghtija mill-pulizija;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-intimat(i) umilment jitolbu li dik il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara r-rikors promotur bhala frivolu u vessatorju, subordinatament il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha u fin-nuqqas tichad t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez;

Rat is-sentenza ta' l-erbatax (14) ta' Lulju, 2003 illi peremzz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"… filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-intimati sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tichad fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"Din il-Qorti tibda biex tghid li ma tarax li kellha jew li ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 ghar-ragunijiet migjuba mill-intimati. Apparti li din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-assistenza li l-pulizija pprestaw biex jippermettu lil Grima (u, indirettament, lil Vella) biex jidhol fid-dahla u jwaqqa' l-hajt li jaghti ghall-proprjetà ta' Vella

tista' tikkwalifika bhala 'eghmil amministrattiv' skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 469A, il-possibilità ta' azzjonijiet ohra, civili jew penali ma jnaqqsu xejn mill-importanza tal-punt legali *in issue* f'din il-kawza li huwa strettament ta' indoli ta' drittijiet fondamentali. Il-qofol ta' din il-kawza hu, bazikament, fejn wiehed ghandu jigbed linja bejn id-dmir tal-Pulizija Ezekuttiva li zzomm l-ordni pubbliku (Art. 346(1), Kap. 9 u Art. 4(a) tal-Kap. 164) u l-interferenza mal-proprjetà privata (da parti ta' ufficali ta' l-istat bhalma huma membri tal-Pulizija Ezekuttiva) li tammonta ghal vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 invokat mir-rikorrenti. Din il-Qorti hi tal-fehma li interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti ta' dak li jkun tista' tkun gustifikata ghal skopijiet ohra fl-interess generali tal-komunità, bhal, per ezempju, il-kxif ta' reati, ecc. - basta li jkun hemm dejjem bilanc gust bejn l-interess generali tal-komunità minn naha u l-interferenza li l-individwu jkun qed jissubixxi minn naha l-ohra. B'referenza proprju ghall-ewwel sentenza jew regola tal-Artikolu 1 in dizamina, il-Qorti Ewropea qalet hekk fil-kaz *Spollong and Lonnroth vs. Sweden* (23/9/1982):

'*The Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.* (A.52, p.26).

"U aktar recentement l-istess Qorti, fil-kaz *Beyeler v. Italy* (5/1/2000) qalet hekk:

'*Any interference with the enjoyment of a right or freedom recognised by the Convention must, as can be inferred from Article 18 of the Convention … pursue a legitimate aim. The principle of a 'fair balance' inherent in Article 1 of Protocol No. 1 itself pre-supposes the existence of a general interest of the community. Moreover, it should be reiterated that the various rules incorporated in Article 1 are not distinct in the sense of being unconnected and that the second and third rules are concerned only with particular instances ... One of the effects of this is that*

*the existence of a ‘public interest’ required under the second sentence, or the ‘general interest’ referred to in the second paragraph, are in fact corollaries of the principle set forth in the first sentence, so that an interference with the exercise of the right to the peaceful enjoyment of possessions within the meaning of the first sentence of Article 1 must also pursue an aim in the public interest*. (para. 111).

“Ma hemmx dubbju illi kieku f’dan il-kaz il-pulizija, inkluzi iz-zewg Surgenti intimati illimitaw ruhhom li jzommu liz-zewg fazzjonijiet milli jigu f’idejn xulxin, jew li jzommu anke lill-istess rikorrenti (jew xi whud minnhom) milli jwegghu lilhom infushom billi joqghodu quddiem il-gaffa, wiehed ma kienx jista’ jitkellem dwar ksur ta’ l-Artikolu 1 anke jekk, biex jaghmlu dan, l-imsemmija pulizija kellhom jidhlu fi proprjetà privata. Però f’dan il-kaz il-pulizija marru oltre: huma, fuq struzzjonijiet li kellhom mis-Superjuri taghhom, attivament u direttament ghenu lil Grima biex jibqa’ fid-dahla u addirittura jidhol aktar ’l gewwa fiha (dahla li r-rikorrenti kienu qed jallegaw li hija proprjetà taghhom minghajr dritt ta’ access ta’ terzi) u attivament u direttament ghenuh biex iwaqqa’ l-hajt billi huma stess nehhew xi oggetti li kienu fin-nofs tad-dahla u quddiem dan il-hajt. L-intimati kjarament mhux bss ippruvaw izommu l-ordni pubbliku, izda materjalment ghenu, kif evidentement kellhom il-hsieb li jaghmlu, lil Grima sabiex jibqa’ diehel aktar ’l gewwa fid-dahla u jwaqqa’ l-hajt. Dan ma kienx parti mid-dover tal-Pulizija Ezekuttiva biex jinzamm l-ordni pubbliku, b’mod ghalhekk li gie nieqes l-ghan legittimu fl-interess pubbliku imsemmi aktar ’l fuq.

“Però, mill-banda l-ohra, biex l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti tirnexxi, huma kellhom jipprovaw, sal-grad rikjest f’kawzi civili, li Vella - il-mandant ta’ Grima - ma kellux dritt ta’ passagg mid-dahla, u li l-hajt kien taghhom (esklussivament jew flimkien ma’ haddiehor) b’tali mod li Vella ma kellux dritt iwaqqghu. Kif jghidu l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb taghhom *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* fil-kuntest tal-

kuncett ta’ ‘possedimenti’ kif mifhum fl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll:

‘*In the third place, the right of interest must be sufficiently established. A person complaining of an interference with his property must show that such right existed*’. (p. 622).

“Id-dritt li Vella ma jidhlilhomx fid-dahla (jew pjazzetta) u d-dritt li l-istess Vella ma jmissilhomx il-hajt minghajr il-kunsens taghhom kellu jigi stabbilit f’kawza *ad hoc* jew anke f’din l-istess kawza, s’intendi dejjem bil-mod kif tali affarijiet ta’ natura strettament civili jigu stabbiliti, fosthom bil-produzzjoni ta’ dokumenti li jistabilixxu (jew jeskludu) id-drittijiet tal-parti jew tal-partijiet u, okkorrendo bl-opera ta’ perit gudizzjarju. F’din il-kawza ir-rikorrenti, sfortunatament, hlew l-energija u zmien taghhom biex jippruvaw jistabilixxu pass b’pass dak li sar, u kelma b’kelma dak li inghad, fid-29 ta’ Mejju, 1998 u injoraw tista’ tghid kompletament l-aktar haga essenzjali, u cioè il-prova li d-dahla kienet proprjetà privata esklussiva taghhom (cioè minghajr dritt ta’ passagg ta’ terzi, fosthom Vella), u li Vella ma kellu ebda dritt fuq il-hajt li twaqqa’. L-unici provi li gabu r-rikorrenti f’dan ir-rigward kienu d-deposizzjoni u r-rapport ta’ Francis Mizzi u il-kelma taghhom, kelma kontradetta minn Martin Vella kif ukoll mill-Perit tieghu l-A.I.C. Carmelo Borg. Vella, in fatti, jghid hekk (deposizzjoni tal-21 ta’ Jannar, 2000):

‘Jien ghad ghandi kawza pendenti mal-familja Borg proprju biex ikolli access minn dik in-naha tal-proprjetà. Jigifieri jkolli access mill-istess post fejn kont dhalt bil-gaffa, jigifieri minn Triq Papa Ljun XIII. Jien bhalissa ghandi access ghall-proprjetà li bnejt minn fuq wara biss. U ghandi access bir-rigel biss, minn sqaq privat li ghandhom access ghalih erba’ persuni, inkluz jien. Minn dan l-isqaq ma nistax naccedi, però, permezz tal-vattura tieghi. Meta jien gejt biex nibda nibni l-gaffa ma setghetx tghaddi hlief minn nahha ta’ minn fejn fil-fatt ghaddejt, jigifieri minn nahha ta’ Triq Papa Ljun XIII. In segwitu, kif digà spjegajt, biex jien indahhal il-gebel, it-trakkijiet tal-gebel kellhom jghaddu minn fuq proprjetà ta’ tlieta minn

nies ohra li ma humiex naturalment il-familja Borg. Meta jien gejt biex nidhol bil-gaffa jien kont stajt nobsor li fil-fatt kien ser ikun hemm oggezzjoni li nidhol billi nwaqqa' l-hajt, ghax precedentement kien ipprova jidhol wiehed tar-*ready-mix* u fil-fatt Borg, li llum huwa mejjet, kien oggezzjona u lili kien taghni x'nifhem li joggezzjona li jitwaqqa' dak il-hajt. Nikkonferma li jien ridt inwaqqa' l-hajt biex nidhol bil-gaffa biex inkun nista' nibni fuq il-proprjetà tieghi skond il-permess li kelli. Jien nikkontendi li fil-hajt [*recte*: l-hajt] li fil-fatt tqawwa' [*recte*: twaqqa'] bil-gaffa, hu proprjtà tieghi biss, u mhux proprjetà ta' haddiehor. Jien nikkontendi li l-fetha quddiem il-hajt, jigifieri dak l-ispazju li hemm quddiem il-hajt li twaqqa' bil-gaffa, ghandi dritt ta' access jien minnu bhalma kellhom ta' Borg u bhal ma kellhom persuni ohra.' (fol. 166-167, sottolinear ta' din il-Qorti).

"U fid-deposizzjoni tat-8 ta' Frar, 2001 l-istess Vella qal fir-rigward tal-hajt:

'Mistoqsi jekk jien ghandix permess specifiku ghat-twaqqiegh tal-hajt, jien nghid li l-hajt huwa tieghi … Nirrepeti li l-hajt tal-qasma, jigifieri l-hajt in kwistjoni li twaqqa', huwa tieghu.' (fol. 222).

"U l-A.I.C. Carmelo Borg xehed hekk (deposizzjoni tal-5 ta' Mejju, 2000):

'Wara li fuq il-post twahhlet kopja tal-applikazzjoni ghall-izvilupp, kif irid isir skond il-ligi tal-*Planning Authority*, niftakar li l-mejjet John Borg kien cempilli diversi drabi u kien fissirli l-preokkupazzjoniiet tieghu. Il-preokkupazzjonijiet tieghu kienu tnejn. Wahda kienet dwar kwistjoni ta' ilma fis-sens li l-hajt kif kien qabel kellu xi toqob fih li jippermetti l-ilma jghaddi u jibqa' ghaddej. Mentri huwa kien jibza' li jekk jitla' l-hajt kif kien qed jigi propost mill-ahwa Vella b'xi mod jew iehor jibda jakkumula l-ilma fuq il-post. It-tieni haga, huwa kien preokkupat ukoll minhabba li f'dik l-ispeci ta' pjazzetta li hemm qabel ma taccedi ghall-proprjetà tal-klijenti tieghi, kien hemm fossa li tappartjeni l-proprjetà tieghu. Huwa kien preokkupat li bix-xoghol li jsir fuq il-proprjetà tal-ahwa

Vella kienet ser issir xi hsara f'din il-fossa. Jien kont fissirtlu car u tond li ma kellux ghalfejn jinkwieta dwar dan ghaliex il-fossa li kien hemm taht dik l-ispeci ta' pjazzetta ma kienitx ser tintmiss. Nispjega li l-*complaints* li kien ghamel mieghi il-mejjet Borg kienu dwar dawn iz-zewg affarijiet; qatt ma fissirli, per ezempju, li l-pjazzetta kienet proprjetà tieghu jew inkella li l-hajt in kwistjoni ma setax jitwaqqa' ghaliex kien proprjetà tieghu … Jien nghid li qatt ma kien hemm kwistjoni dwar dik il-pjazzetta, fis-sens li sa fejn naf jien, dik il-pjazzetta kienet dejjem proprjetà pubblika u ghalhekk ma kien hemm l-ebda lok ta' espropriazzjoni.' (fol. 185, 186).

"Huwa veru li Francis Mizzi, aktar 'l fuq imsemmi, jghid fir-rapport tirghu (Dok. TB5, fol. 42 *et seq*.) - rapport intern maghmul ghall-istess Awtorità ta' l-Ippjanar - li l-applikazzjoni ta' Vella sabiex id-dahla (jew pjazzetta) issir parti mit-triq kienet giet rifjutata ghax is-sidien ta' l-art - referenza ghal Borg - ma kienux taw il-kunsens taghhom ghall-finijiet tar-Regolament 4(3) tal-Avviz Legali 76/97. Dan ix-xhud, fir-rapport tieghu, jghid infatti li kien ezamina kuntratt datat 28/5/1904 u li '*This contract shows that objector Joseph Borg, who has succeeded businessman Antonio Xikluna, has legal proof that the adjacent land near the old building is joint property*' (fol. 43, sottolinear tal-Qorti). Dan il-kuntratt li jissemma', jew xi dokument iehor, qatt ma gie ezibit mir-rikorrenti fl-atti ta' din il-kawza; ir-rapport u d-deposizzjoni ta' Mizzi f'dan ir-rigward ma hi xejn hlief l-opinjoni ta' xhud. Anke li kieku din il-Qorti kellha tammetti tali opinjoni bhala prova fit-termini tas-subartikolu (1) u/jew (2) tal-Artikolu 563A tal-Kap. 12, jigifieri bhala prova ta' espert *ex parte* - u din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar kemm, bhala *Technical Officer* ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, jista jinghad li dana x-xhud hu kwalifikat li jinterpreta kuntratt ta' kwazi mitt sena ilu - kullma wiehed jista' jghid a bazi tad-deposizzjoni ta' dana Mizzi u tar-rapport tieghu hu li Borg kien il-proprjetarju (jekk hux wahdu jew ma' haddiehor mhux daqstant car stante li tintuza ripetutament l-espressjoni '*joint property*') tad-dahla. Però ma hemm xejn fir-rapport jew fid-deposizzjoni ta' Francis Mizzi li jeskludi d-dritt ta' passagg ta' terzi, inkluz Vella, fuq dik id-dahla; anzi fir-

rapport jinghad '… *the P.A. cannot interpret in case of contestation / right of way, and therefore the consent of the objector is required*.' Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw li huma kellhom dritt eskluzziv fuq id-dahla ad eskluzjoni ta' terzi, jew li Vella ma kellux dritt iwaqqa' l-hajt biex jidhol fil-proprjetà tieghu kif effettivament ghamel. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors promotur taghhom.

"Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti ser tordna li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u dan mhux biss minhabba l-fatt li din il-Qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni ta' l-intimati sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha (ghar-ragunijiet aktar il-fuq moghtija), izda wkoll minhabba n-novità tal-punt legali involut f'din il-kawza u, aktar, minhabba l-fatt li, kif digà inghad, jirrizulta car li fid-29 ta' Mejju, 1998 l-intimati eccedew il-poteri taghhom f'dik li hi z-zamma ta' l-ordni pubbliku, u minflok hadu parti attiva biex parti (Vella) jezercita d-dritt li huwa kien qed jirrivendika fuq id-dahla u fuq il-hajt. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-agir skorrett tal-intimati f'din il-kawza jammonta ghal 'raguni tajba' ghall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12."

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu hekk:

"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma jew timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu irrespingiet l-eccezzjoni sollevata mill-intimati sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tirrevokaha u thassarha u tannullaha in kwantu cahdet fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti, spejjez bla taxxa, u ghalhekk tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati";

Rat ir-risposta u l-appell incidentali ta' l-intimati illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu hekk:

"… li s-sentenza tigi riformata billi tigi konfermata c-cahda tat-talbiet fil-mertu ta' l-appellati [*sic*] mentri tigi varjata f'dik il-parti fejn enuncjat li l-intimati eccedew il-poteri taghhom ghaliex tali eccess ma sehhx u ghalhekk tikkundanna l-appellanti ihallsu l-ispejjez taz-zewg istanzi";

Rat ir-risposta tar-rikorrenti ghall-appell incidentali ta' l-intimati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, issottomettew illi l-appell incidentali ghandu jigi michud u, peress illi huwa frivolu u fieragh l-intimati ghandhom jigu ikkundannati ghall-hlas ta' spejjez doppji;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tar-rikorrenti appellanti kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' appell, huwa s-segwenti (fol. 274):

"Illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li stabbiliet korrettement illi fid-29 ta' Mejju 1998 l-intimati eccedew il-poteri taghhom u, minflok, hadu parti attiva biex parti (Vella) jezercita d-dritt li huwa ppretenda li ghandu fuq id-dahla proprjetà ta' l-esponenti u fuq il-hajt divizorju, iddikjarat li ma rrizultalhiex li r-rikorrenti kellhom dritt esklusiv fuq id-dahla u fuq il-hajt u ghalhekk cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.  B'hekk, kif ser jintwera, hija ghamlet apprezzament skorrett kemm tal-fatti kif ukoll (u aktar importanti) tal-ligi in materja";

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma jigi ikkonsidrat l-aggravju hawn fuq riprodott, huwa doveruz fuq dina l-Qorti illi tiddeplora certi asserzjonijiet maghmula fir-rikors ta' appell illi ma jaghmlux unur lil min abbozza l-istess rikors.  Dawn l-asserzjonijiet mhux talli ma humiex sorretti minn dak illi jirrizulta mill-atti processwali talli, fil-kaz ta' l-ewwel asserzjoni illi sejra tissemma hawn taht, mill-istess atti

jirrizulta diametrikament oppost ta' dak asserit. Dawn l-asserzjonijiet huma:

(i) fit-tielet (3) pagina tar-rikors ta' appell l-appellanti jghidu hekk (fol. 275):

"Hadd ma kkontesta l-fatt illi l-hajt li twaqqa' fid-29 ta' Mejju 1998 kien jappartjeni lir-rikorrenti u lil Vella, bhal kull hajt divizorju. Dan ammettieh Martin Vella stess fix-xiehda tieghu" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-imsemmi Martin Vella xehed quddiem l-ewwel Qorti waqt tliet (3) udjenzi differenti, dawk tat-tnax (12) ta' Novembru, 1999 (fol. 159-160), tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, 2000 (fol. 166-7) u tat-tmienja (8) ta' Frar, 2001 (fol. 221-2). Fl-ewwel (1) depozizzjoni tieghu Martin Vella ma jghid xejn dwar lil min jappartjeni l-imsemmi hajt. Fit-tieni (2) depozizzjoni, waqt illi kien qed jigi kontro-ezaminat, Martin Vella jghid hekk dwar l-istess hajt:

"Jiena nikkontendi li fil-[*recte*: l-]hajt li fil-fatt twaqqa bil-gaffa, hu proprietà tieghi biss, u mhux proprietà ta' haddiehor" (sottlinear ta' dina l-Qorti).

Fit-8 ta' Frar, 2001 Martin Vella rega' gie kontro-ezaminat u, fost affarijiet ohra, qal hekk:

"Mistoqsi jekk jiena ghandix permess specifiku ghat-twaqqiegh tal-hajt, jiena nghid li l-hajt huwa tieghi.

…

Nirrepeti li l-hajt tal-qasma, jigifieri l-hajt in kwistjoni li twaqqa' huwa tieghi" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

(ii) Fir-raba' (4) pagina tar-rikors ta' appell l-appellanti jiddikjaraw hekk (fol. 276):

"Ir-rikorrenti riedu jesibixxu l-kuntratti izda l-Onorevoli Mhallef sedenti rrezista dan ghaliex qal li din mhix 'kawza dwar proprjetà' u ghaliex ma riedhomx 'jimlew il-process b'dokumenti" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Ir-riferenza hawn hija ghal kuntratti illi setghu jippruvaw it-titolu tar-rikorrenti fuq id-'dahla' in kwistjoni. Dina l-Qorti fliet l-atti processwali u ma irnexxielha tirrintraccja ebda talba tar-rikorrenti sabiex jesibixxu kuntratti quddiem l-ewwel Qorti. Anqas ma sabet registrat illi l-ewwel Qorti qalet illi l-kawza odjerna ma hijiex 'kawza dwar proprjetà' u illi ma rieditx lir-rikorrenti 'jimlew il-process b'dokumenti'. A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hadet konjizjoni tas-segwenti silta (fol. 150) mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tax-xhud prodott mill-intimati, il-Kuntistabbli 877 Eddie Abela. Is-silta hija minn dik il-parti tad-depozizzjoni illi waqtha ix-xhud kien qed jigi kontroezaminat mid-difensur tar-rikorrenti:

"Dr. Azzopardi: Punt li nixtieqek tghid il-verità lill-Qorti hija [ir-rikorrenti] kellhomx f'idejhom kuntratti …;

Xhud: Dak il-hin le. Sa kemm kien hemm jiena le.

Qorti: Imma Dottor Azzopardi imma x'rilevanza ghandu jekk kellhomx kuntratti f'idejhom. Din ma hix kwistjoni ta' vjolazzjoni ta' proprietà qieghedin tghidu?"

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi minn dina s-silta ma jirrizultax illi ir-rikorrenti urew lill-ewwel Qorti ir-rieda taghhom illi jesibixxu xi kuntratti quddiemha, wisq anqas illi ghamlu talba relativa lill-istess Qorti;

(iii) fir-raba' (4) pagina tar-rikors ta' appell l-appellanti jasserixxu illi (fol. 276):

"ir-rikorrenti pprezentaw il-permess tal-bini mahrug lilhom - li jfisser li huma tassew proprjetarji. Dan kollu l-Ewwel Qorti ma qiesitux";

L-ewwel Qorti ma setghet tiehu konjizjoni ta' ebda permess tal-bini mahrug favur ir-rikorrenti ghaliex mill-atti processwali ma jirrizultax illi r-rikorrenti - jew, *del resto*, xi hadd iehor - ipprezentaw jew esibew xi permess tali;

Ikkunsidrat:

Illi ghall-fini tad-determinazzjoni ta’ l-aggravju tar-rikorrenti kontra s-sentenza appellata huwa necessarju illi, qabel xejn, isiru s-segwenti kostatazzjonijiet rizultanti minn ezami akkurat tar-rikors promotur tal-kawza odjerna:

(a) it-talba principali - u illi minn ezitu favorevoli ghaliha tiddependi t-talba l-ohra ghar-rimedji opportuni - tar-rikorrenti hija ghal dikjarazzjoni illi huma “sofrew lezjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol integrat fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta” (fol. 3). Il-parti ta’ dan l-artikolu illi hija rilevanti ghall-kawza odjerna tipprovdi hekk:

“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu flief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.”

(b) ir-rikorrenti qed jallegaw illi dik illi huma jsejhu “bitha jew *area*” illi hemm quddiem il-fond 6, Triq il-Papa Ljun XIII, Nadur, Ghawdex <u>hija proprjetà taghhom</u> (l-ewwel premessa tar-rikors, fol. 1);

(c) ir-rikorrenti qed jallegaw illi huma <u>proprjetarji ta’ nofs il-wisgha tal-hajt</u> illi twaqqa’ permezz tal-gaffa illi tisssemma’ fir-rikors promotur (il-hdax-il premessa tar-rikors, fol. 2);

(d) il-“possedimenti” illi r-rikorrenti jallegaw illi sofrew lezjoni dwarhom mill-intimati huma dawk imsemmija fil-kostatazzjonijiet (b) u (c);

Ma hemmx dubbju illi, *in vista* tal-kostatazzjonijiet illi ghadhom kemm gew elenkati, l-ewwel Qorti kellha d-dover illi tistharreg jekk ir-rikorrenti kellhomx il-“possedimenti” illi qed jallegaw illi kellhom, jigifieri l-proprjetà ta’ l-imsemmija “bitha” u l-proprjetà ta’ nofs il-wisgha tal-hajt illi twaqqa’. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-ewwel Qorti kellha tistharreg dan <u>qabel</u> ma ikkonsidrat l-

involviment ta' l-intimati fl-allegata lezjoni; dana ghas-semplici raguni illi jekk ir-rikorrenti ma kellhomx dawn il-"possedimenti" ma seta' qatt kien hemm lezjoni tat-"tgawdija pacifika" jew privazzjoni ta' l-istess possidementi u, konsegwentement, wisq anqas l-involviment relativ ta' l-intimati;

Dina l-Qorti ma tezitax illi tghid illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw illi huma proprjetarji ta' l-imsemmija "bitha". F'dan ir-rigward tajjeb illi jsiru s-segwenti osservazzjonijiet:

A. ghalkemm, kif già inghad, l-appellanti qed isostnu illi "riedu jesibixxu l-kuntratti" u illi sabu resistenza ghal dan mill-ewwel Qorti, flimkien mar-rikors ta' appell taghhom ir-rikorrenti ma esibewx kuntratti, kif kellhom dritt illi jaghmlu (art. 145, Kap. 12);

B. jidher illi meta intavolaw ir-rikors ta' appell ir-rikorrenti seta' kellhom ripensament dwar jekk kienux proprjetarji ta' l-imsemmija "bitha". Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak illi jinghad fis-segwenti silta mir-rikors ta' appell (fol. 275-6):

"L-intimati … bl-ebda mod ma kkontestaw il-fatt li r-rikorrenti kellhom <u>dritt ta' access, passagg u uzu (in linea 'minima') ghall-*area* ta' quddiem ir-residenza taghhom</u> proprju fejn hemm il-hajt li gie mwaqqa'. …

"…

"… ir-rikorrenti jhossu li ladarba ma kienx qed jigi kkontestat il-fatt li huma kellhom … <u>d-dritt ta' access, passagg u uzu (in linea 'minima') tad-dahla</u>, ma kienx hemm ghalfejn aktar provi fir-rigward ta' dan l-ewwel element … Barra minn hekk, ir-rikorrenti pprezentaw il-permess tal-bini mahrug lilhom - li jfisser li huma tassew proprjetarji. Dan kollu l-Ewwel Qorti ma qiesitux" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

ghal dak illi jirrigwarda l-allegata prezentata ta’ xi permess tal-bini mahrug favur ir-rikorrenti, issir biss riferenza ghal dak illi inghad altar ’l fuq dwar l-asserzjoni (iii);

C. fil-fehma ta’ dina l-Qorti, safejn jista’ jigi konstatat mid-diversi pjanti u ritratti esibiti u mill-assjem tal-provi prodotti, ghall-finijiet tal-kawza odjerna il-prezunzjoni hija illi dik illi fl-atti processwali tissejjah “bitha” jew “dahla” hija art pubblika. F’dan ir-rigward, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi ma hijiex qed tippronunzja ruhha dwar lil min tappartjeni l-istess art;

Ikkunsidrat:

Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-hajt illi twaqqa’ kien jifred l-imsemmija “dahla” minn proprjetà ta’ terzi. La darba, kif ghadu kemm inghad, il-prezunzjoni hija illi l-imsemmija “dahla” hija art pubblika, ma jistax jinghad illi r-rikorrenti irnexxilhom jippruvaw illi “nofs il-wisgha tieghu [tal-hajt li twaqqa’] jappertjeni” lilhom;

Ikkunsidrat:

Minn dak illi inghad sa issa huwa evidenti illi r-rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw illi kellhom il-“possedimenti” illi ghar-rigward taghhom qed jallegaw vjolazzjoni ta’ l-artikolu tal-ligi minnhom invokat. Ghalhekk, l-aggravju tar-rikorrenti appellanti mhux fondat u, konsegwentement, l-appell tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa’;

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi, la darba dina l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw illi kellhom l-imsemmija “possedimenti” u, la darba dina l-Qorti tirritjeni illi l-ewwel Qorti setghet tissindika l-operat ta’ l-intimat biss kieku ir-rikorrenti irnexxilhom jippruvaw illi kellhom dawk il-“possedimenti”, dak kollu illi jinghad fis-sentenza appellata dwar l-operat ta’ l-intimati huwa irrilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-appell incidentali ta' l-intimati, l-ewwel haga illi ghandha tinghad illi dina l-Qorti tista' - jekk jirrizulta illi huwa hekk opportun - tvarja biss id-dispositiv tas-sentenza appellata. Dan jaqra hekk:

"… filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-intimati sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tichad fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti";

Jidher, ghalhekk, illi dak illi gie deciz permezz tas-sentenza appellata fil-konfront ta' l-intimati huwa illi: (i) giet respinta l-eccezzjoni sollevata mill-intimati sabiex il-Qorti teddiklina milli tezercita s-setgha taghha; u (ii) l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjes taghhom. Konsegwentement, dina l-Qorti ma tistax tilqa' l-appell incidentali kwantu permezz tieghu l-intimati qeghdin jitolbu testwalment "… li s-sentenza tigi varjata f'dik il-parti fejn enuncjat li l-intimati eccedew il-poteri taghhom ghaliex tali eccess ma sehhx". Jibqa' illi jigi konsidrat jekk l-appell incidentali ghandux jigi milqugh kwantu jirrigwarda il-kap ta' l-ispejjes, precizament jekk l-ewwel Qorti kienitx gustifikata illi tordna illi l-intimati ibatu l-ispejjes taghhom. Sabiex ghamlet dan l-ordni l-ewwel Qorti invokat is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 223 tal-Kap. 12 illi jipprovdi hekk:

"Fil-kazijiet kollha, <u>il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha</u>, <u>meta</u> kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, <u>jew</u> meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, <u>inkella</u> ghal xi raguni tajba ohra" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa evidenti, ghalhekk, illi l-intimati setghu jigu kundannati sabiex ibatu l-ispejjes taghhom jekk, fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, avverat ruhha <u>almenu wahda</u> mit-tliet (3) cirkostanzi elenkati fic-citat artikolu 223(3) tal-Kap. 12. Minn ezami tad-dispositiv tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet - u minn din il-konkluzjoni l-intimati ma appellawx - illi wahda mill-eccezzjonijiet ta' l-intimati ghandha tigi respinta; ghalhekk, l-intimati huma

"telliefa f'xi punt tal-kawza" u, konsegwentement, l-ewwel Qorti ezercitat tajjeb id-diskrezjoni illi jatiha l-artikolu 223(3) tal-Kap. 12 meta ordnat illi l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjes taghhom. Ghalhekk, l-appell incidentali ta' l-intimati ma jistghax jigi akkolt;

Ghal dawn il-motivi:

Tirrespingi kemm l-appell principali tar-rikorrenti u kemm l-appell incidentali ta' l-intimati u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' l-appell principali jigu sopportati mir-rikorrenti appellanti u illi l-ispejjez ta' l-appell incidentali jigu sopportati mill-intimati appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------